Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Carlos Vella Mansueto

vs

Autosales Ltd (C491), u b'digriet datat 30 ta' Mejju 2024 giet kjamata in kawza l-Awtorita ghat-Transport f'Malta

CCT 57/23/CC

Illum 19 ta' Novembru, 2024

It-Tribunal;

Ra t-Talba tal-attur ippreżentata fit-3 ta' April 2023, fejn talab hlas ta' l-ammont ta' €800 (tmien mitt ewro) rappreżentanti ammont ekwivalenti ghal sussidju relatat ma' skema ta' skrappjar ta' vettura, liema sussidju gie mitluf mill-attur minhabba li s-socjeta intimata ma ssotomettitx d-dokumentazzjoni necessarja ma' l-awtorita kompetenti fiz-zmien stipulat.

Ra li s-socjeta intimata Auto Sales Ltd debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ippreżentat risposta relattiva, fejn ikkontestat it-talba avvanzata mill-attur, ghar-ragunijiet elenkati fl-istess risposta.

Ra li l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ippreżentat risposta relattiva, fejn *inter alia* eccepiet li ma hijiex il-legittima kontradittrici ghal lezjoni tar-rikorrent, u l-kwistjoni bejnu u bejn is-socjeta intimata hija *res inter alios acta*.

Ra li l-partijiet ippreżentaw il-provi taghhom, inkluz dokumentazzjoni relattiva fis-seduti appuntati ghal dan il-ghan.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi in succint jirrizulta li l-attur kien akkwista vettura minghand is-socjeta intimata, liema vettura bbenefikat minn sussidju relatat ma' skema ta' skreppjar ta' vetturi. Din il-vettura zviluppat problemi, u s-socjeta intimata biddlet din il-vettura b'vettura gdida li giet ordnata. Minhabba dan, l-attur kellu jirrifondi l-ammont ta' €800 (tmien mitt ewro) lil Awtorita ghat-Transport f'Malta, rapprezentanti sussidju li kien ircieva mill-iskema ta' skjeppjar ta' vetturi. L-attur gie infurmat li kellu jerga japplika ghas-sussidju fuq l-iskema ta' l-iskreppjar tal-vetturi fuq il-vettura il-gdida.

Illi l-vettura waslet Malta fl-24 ta' Dicembru 2022, u fit-28 ta' Dicembru 2022 l-attur ghadda d-dokumenti kollha necessarji lis-socjeta intimata sabiex jigu sottomessi ma' l-Awtorita ghat-Transport f'Malta.

Illi sussegwentement irrizulta li d-dokumentazzjoni rikjesta ghal applikazzjoni ghas-sussidju fuq l-iskema ta' l-iskreppjar tal-vetturi gew ipprezentati lil Awtorita ghar-Transport f'Malta fil-5 ta' Jannar 2023, meta l-iskema kienet maghluqa.

Ikkunsidra;

L-attur tramite din il-procedura qieghed jilmenta li minhabba d-dewmien tas-socjeta intimata Autosales Ltd sabiex jigu sottomessi d-dokumenti lil Awtorita ghat-Transport f'Malta, huwa tilef l-ammont ta' €800 (tmien mitt ewro) liema ammont huwa kellu jirrifondi lura lil Awtorita minhabba t-tibdil tal-vettura tieghu.

Illi minn analizi tal-provi prodotti fl-atti ta' dawn il-proceduri, t-Tribunal fl-ewwel lok jaghmel referenza ghad-dokumentazzjoni estensiva ipprezentata mill-attur li tikkonferma li da parti tieghu, huwa ha l-passi kollha necessarji sabiex ma jitlifx l-ammont ta' sussidju li huwa kellu jirrifondi minhabba t-tibdil tal-vettura tieghu.

Ili l-attur ipprezenta skambji ta' emails bejnu u bejn is-socjeta intimata, fejn huwa kien qieghed jiehu hsieb sabiex il-vettura l-gdida tigi registrata fil-hin, peress li l-iskema relatata mas-sussidju ta' l-iskreppjar tal-vetturi kienet taghlaq fil-31 ta' Dicembru 2022.

Illi ma huwiex kontestat li l-vettura l-gdida ta' l-attur waslet Malta fl-24 ta' Dicembru 2022, u fit-28 ta' Dicembru 2022 l-attur ghadda d-dokumentazzjoni kollha mehtiega ghar-registrazzjoni ta' l-istess vettura lis-socjeta intimata Autosales Ltd.

Illi mill-atti jirrizulta wkoll li l-applikazzjoni da parti tas-socjeta intimata Autosales Ltd giet sottomessa mal-Awtorita dwar it-Transport f'Malta fil-5 ta' Jannar 2023. Dan

huwa ikkonfermat mir-rapprezentanta ta' l-istess Awtorita li xehdet fl-atti ta' dawn il-proceduri. In vista ta' dan, l-attur tilef l-ammont ta' sussidju li huwa kellu jirrifondi lil Awtorita dwar it-Tansport f'Malta.

Illi t-Tribunal ha konjizzjoni tad-dokumentazzjoni ipprezentata mill-partijiet, tax-xhieda prodotti fl-atti ta' dawn il-proceduri, u hija l-fehma kunsiderata tat-Tribunal li galadarba s-socjeta intimata Autosales Ltd kienet infurmata mill-attur rigward ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, kellha obbligu li tara li d-dokumentazzjoni li l-attur ghadda fit-28 ta' Dicembru 2022, tasal fil-hin ghand l-Awtorita dwar it-Transport f'Malta. Dan ma sehhx, b'rizultat li l-attur gie prekluz li jibbenefika mill-iskema dwar l-iskrejjpar tal-vetturi. In vista ta' dan, it-Talba avvanzata mill-attur hija gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi; jilqa t-Talba avvanzata mill-attur ghal ammont ta' €800 (tmien mitt ewro), qieghed jilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' l-Awtorita dwar it-Transport f'Malta, u jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, u qieghed jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta intimata Autosales Ltd.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mis-socjeta intimata Autosales Ltd.

C. Cherrett .

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru